

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2012 — Vitaminaqua vs UASI — Energy Brands (vitaminaqua)**

(Kawża T-410/12)

(2012/C 355/71)

Lingwa tar-rikors: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: Vitaminaqua Ltd (Londra) (rappreżentant: A. Krajnyák, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Energy Brands, Inc. (New York, l-Istati Uniti tal-Amerika)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- temenda d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI li tħiġi l-applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 8 338 592, dwar it-trade mark figurattiva "vitaminaqua" (Każ R 997/2011-1), u tordna r-regiestrazzjoni tat-trade mark, b'mod li s-sinjal jiġi protett bħala trade mark, skont id-deċiżjoni adottata mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI.
- tikkundanna lill-parti li qed topponi jew lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "vitaminaqua" għal prodotti fil-klassijiet 5, 30 u 32 (Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 8 338 592)

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Energy Brands, Inc.

*Trade mark jew sinjal invokat:* fost oħrajn, it-trade marks verbali nazzjonali "VITAMINWATER" għal prodotti fil-klassijiet 5, 30 u 32

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u applikazzjoni għal regiestrazzjoni bħala trade mark Komunitarja miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009<sup>(1)</sup>, peress li ma teżisti ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2012 — Xeda International et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-415/12)

(2012/C 355/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Xeba International SA (Saint-Andiol, Franzja); Pace International LLC (Washington, l-Istati Uniti); u Decco Iberica Post Cosecha, SAU (Paterna, Spanja) (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2012<sup>(1)</sup>; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbaż fuq il-fatt li l-att ikkонтestat huwa illegali minħabba żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni wettqet żball ta' li ġi meta ġġustifikat l-att ikkонтestat abbażi ta' tħassib ipotetiku: (i) it-tliet metaboliti mhux identifikati u (ii) prodotti pproċessati. Għal dak li jikkonċerna dan it-tħassib, il-Kummissjoni wettqet ukoll żball ta' li ġi billi talbet lir-rikorrenti sabiex jipproduċu *probatio diabolica*, jiġifieri billi talbet l-identità tal-metaboliti mhux identifikati fit-tuffieħ maħżun filwaqt li dan kien teknikament imposibbli u billi talbet lir-rikorrenti sabiex juru n-nuqqas ta' riskju għal dak li jikkonċerna l-komponenti b'riskju baxx li jinsabu taħt il-Limitu ta' Kwantifikazzjoni (LK) f'prodotti pproċessati.